**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Marzu 2025**

**Rikors guramentat nru : 20/2021 AGV**

**MSF**

Vs

**IF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta' MSF li bil-gurament tikkonferma:-**

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin ta' Mejju tas- sena elfejn u hdax (2011) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

2. Illi z-zwieg ta' bejn l-partijiet tkisser irrimedjabilment stante illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

3. Illi minkejja li saru tentattivi mill-attici sabiex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite' l-procedura ta' medjazzjoni ma ntalhaq l-ebda ftehim u l-attrici giet awtorizzata tiftah din il-kawza.

4. Illi l-esponenti taf b`dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toghgobha:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut stante illi huwa rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48,51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 in toto jew in parte.

3. Tiddikjara xolta l-komunjonji tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet okkorendo b`opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

4. Tiddikjara li l-fond 303/2 (bl-arja libera sovrastanti) Zenti Flats Zabbar Road, Fgura, liema fond huwa propjeta' parafernali tal-esponenti m`ghandhux jitqies bhala l-fond matrimonjali.

5. Tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha dak ta' Scerri.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-**Risposta Guramentata ta'** IF illi eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-esponenti jaqbel *in parte* u dan fis-sens illi Qorti ghandha tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet izda dan minhabba htija kawza imputabbli unikament lill-attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u li dwarhom l-esponenti qieghed jiddeduci t-talbiet opportuni permezz ta' kontro-talba li qed tigi hawn annessa. Ghalhekk isegwi illi it-talbiet attrici in kwantu li jimportaw xi tort lill-esponenti ghall-ksur tal-hajja mizzewwga huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan peress illi huwa qatt ma kien responsabbli ghal adulterju, sevizzi, eccessi u offizi gravi u ghalhekk jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi dwar it-tieni talba din ghandha tigi michuda u dana permess li ma hemm l-ebda raguni l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika fil-konfront tal-konvenut in parti u in toto id-disposizzjonijiet

tal-48,51, 53 u 54 tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

3. Illi dwar it-tielet talba attrici l-esponenti jaqbel illi tigi ddikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet inkluz li jigu likwidati l-assi u d-djun formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti. Illi l-Onorabbli Qorti ghandha tillikwida l-hlasijiet maghmula mill-esponenti u l-benefikati li saru mill-esponenti fil-proprjeta' parafernali tal-attrici.

4. Illi dwar it-tielet talba din ghandha tigi milqugha limitatament fis-sens illi id-dejn u l-gid kollu tal-komunjoni ghandhom jinqasmu f`zewg porzjonijiet kif komposti u ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, izda mhux f`dik il-parti li tistabbilixxi data bhala data li l-esponenti kien responsabbli ghall-firda tal-partijiet u dan peress illi l-esponenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghal-firda tal-partijiiet, izda hija l-attrici li hija hekk responsabbli ghall-ksur taz-zwieg bejn il-partijiet.

5. Illi rigward ir-raba' talba, l-esponenti m'ghandhux oggezzjoni illi l-fond matrimonjali jigi dikjarat li huwa li fond parafernali tal-attrici ma jibqax meqjus bhla d-dar matrimonjali tal-partijiet.

6. Illi rigward il-hames talba, l-esponenti ma ghandux l-ebda oggezzjoni dwar tali talba.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut ma ghandux ibati l-ebda spejjez stante li hija l-attrici hatja tal-firda personali tal-partijiet u ghalhekk irrendiet l-hajja konjugali impossibli.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa hija ngunta in subizzjoni.**

**Rat il-kontro talba ta'** IF lli ppremetta s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruhu mir-rikors guramentat tal-attrici sabiex jinstitwixxi is-segwenti l-kontro talba tieghu.

2. Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Mejju tas-sena 2011 u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness mar-rikors promotur illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

3. Illi z-zwieg tal-partijiet tfarrak b`mod irrimedjabbli minhabba tortijiet u htija mputabbli unikament lil attrici rikonvenzjonata u dana minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u offizi gravi fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonat.

4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet datat 21 ta' Dicembru 2020.

5. Illi l-konvenut rikonvenzjonant jaf dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant u in vista tas-suppost l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dana minhabba htija imputabbli lill-attrici rikonvenzjonat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant ighix separatament minn mal-attrici.

2. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata in toto jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Arikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi l-attrici irrendiet ruha hatja lejn il-konvenut adulterju, sevizzi, eccessi u offizi gravi.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali bejn in vista tal-fatt li l-attrici rikonvenzjonata kienet unikament responsabbli ghat-tkisser taz-zwieg u tassenja porzjoni lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici rikonvenzjonata.

4. Tiddikjara xolta kull kommunjoni iehor ta' propjeta u jew assi jew gid u jew dejn esistenti bejn il-partijiet u tillikwida dan il-gid jew dejn komuni.

5. Tiddikjara u tillikwida benefikati jew flejjes mhallsa mill-esponent fil-propjeta' parafernali tal-attrici rikonvenzjonata.

Bl-ispejjez inkluzi tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors guramentat kontra l-attrici rikonvenzjonata li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

**Rat ir- Risposta Guramentata ta' MSF ghall-kontro-talba ta' Ian Formosa fejn eccepiet is-segwenti:-**

1. Illi filwaqt illi hija taqbel li tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-partijiet kontendenti hija topponi li hija l-hatja tat-tifrik taz-zwieg tigi attribwita lilha, ma topponiex ghat-talba li l-konvenut rikonvenzjonat jghix separatment minn mal-esponenti.

2. Illi hija topponi ghat-tieni talba rikonvenzjonati u dan minhabba li hija applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta kontra taghha.

3. Illi m`hemmx opposizzjoni illi l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata u li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet madanakollu l-attrici rikonvenzjonata m'hix responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg u huwa fil-fatt l-konvenut rikonvenzjonat li huwa hati li kisser iz-zwieg bejn il-partijiet.

4. Illi m`hemmx opposizzjoni ghar-raba' talba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut rikonvenzjonanti li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li nghatat sentenza in parte fit-18 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet lil dina l-Qorti sabiex it-talbiet ghas-separazzjoni jigu sostitwiti ghall-talbiet ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F, liema talba qed tigi akkolta minn dina l-Qorti fis-sentenza.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1.L-attrici tispjega li meta ltaqghet mal-konvenut kellha l-post li kienet akkwistat shab mal-gharus li kellha dak iz-zmien. Meta nfirdu kienet xtrat sehemhu u kienet ghamlet xi xogholijiet fih. Dan il-fond kien jinstab Flat 303/2, Zenti Flats, Zabbar Road, Fgura, u ghalhekk huwa parafernali tal-attrici.

Meta kienet bdiet tohrog mal-konvenut u tgharrsu f'Lulju, 2020 iddecidew li jmorru jghixu fil-post li kellhom meta jizzewgu. Kien hemm bzonn ta' tibjid u tikhil tal-appogg, u kien hallas ghalihom il-konvenut. Sakemm izzewgu, il-konvenut kien mar ighix maghha ghand il-genituri taghha u dan peress li kien joqghod wahdu u tul dan il-perjodu l-attrici tishaq li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa lejn ebda spejjez.

Meta zzewgu f'Mejju, 2011, il-genituri taghha kienu tawha d-dota u kulma kien jehtieg fid-dar kienet l-ghamara. Qabel ma kienu zzewgu kuginitha kienet offritilha l-kamra tas-sodda li kienet ser tbiegh u accettaw li jixtruha ghall-valur ta' Lm800 u l-ftehim kien li l-konvenut ihallashom peress li suppost hu kellu jimla l-post. Kien ghamel zewg pagamenti ta' €100, imbaghad ma kien hallas xejn u bdiet thallas hi u l-ahhar pagament kien sar fil-21 ta' Novembru, 2010. Il-post ukoll kien ghadu bla bibien ta' gewwa u kienu ghamluhom ghand mastrudaxxa li kien jaf il-konvenut u swew xi €3,000 flimkien mal-vanity unit tal-bathroom. Tammetti li parti mill-kont kien thallas, izda sakemm bdew bil-proceduri kien ghad hemm bilanc.

Tispjega li zijtha kienet tathom cooker u microwave u l-kcina kienu hallsu parti minnha bil-flus li qalghu mill-engagement u l-bqija l-ohra mill-flus li qalghu mit-tieg. Izzid tghid li l-konvenut kien mar ma' missierha sabiex jiehu loan ta' €10,000 u dan sabiex ihallas il-kumplament tat-tieg u sabiex imorru cruise ghall-honeymoon, Dan il-loan thallas kollu.

Tghid ukoll li l-konvenut kien tah inkwadru tal-fidda ghat-tieg u meta telaq mid-dar kien hadu mieghu. Tishaq li kull ma kien gab il-konvenut kien *washing machine* u *tumble dryer*, li kien ha anke mid-dar.

L-attrici ttenni li fis-sena 2014, kienet hadet somma ta' €3,000 u bihom kienu xtraw wall unit u TV table u kienu anke akkwistaw karozza Fun Cargo automatic fejn iffirmat il-kambjali. Tispjega li dina l-vettura hija irregistrata f'isem il-konvenut, izda kienet baqghet issuqha sa Gunju, 2021, meta kienet halliet ic-cwievet fil-*letterbox* tal-konvenut.

Fis-sena 2019, l-attrici tishaq li kellha suspetti li l-konvenut kien qieghed jikkomunika ma' xi nisa u darba kienet sabet l-account tieghu miftuh fuq il-kompjuter, minn fejn indunat li kien jiccatja ma' tfajliet ohra fosthom G B  li kien jaf qabel ma zzewwgu u certu  DA  . Kienet ikkonfrontat lil B  sabiex tieqaf milli tikkuntattja lill-konvenut u jekk ma kinitx kienet ser tieqaf kienet ser tirrapurtaha, izda kienet ghamlet Facebook account falz taht l-isem V u baqghet tikkomunika mal-konvenut. Meta l-attrici ikkonfrontatu kien innega kollox.

Kienet zammet kollox ghaliha u jekk kienet issemmilu xi haga kien jitlef it-tempra. Kien anke jinsulentaha dwar l-intimita' izda tammetti li meta kienet tara l-messaggi kienet birdet minnu, u l-konvenut kien sa anke wasal biex jghid lil dina G  dwar il-problemi li kellhom fl-intimita' u dan anke minhabba li kellha l-fibroids.

L-attrici tispjega li fis-sena 2019, kienu hadu self ta' €10,000 biex jaghmlu xi xogholijiet fid-dar u kienet iffirmat ghal dan is-self ghax kienet taht l-impressjoni li dan kien ghall-miljoramenti fil-post, izda dawn qatt ma saru u ma kinitx taf fejn marru dawn il-flus. Mix-xhieda tal-bank irrizulta li dina s-somma kienet marret f'kont tal-konvenut u wara li dahlu kien hemm sensiela ta' withdrawals ta' €600 kuljum u dan meta l-konvenut kien

jinnega li l-flus kienu dahlu ghandu. Kienet taf li ftit wara l-konvenut kien hareg mutur tal-ghamla BMW b'valur ta' €6,450 u jidher li kien thallas depozitu fuqu u baqa' jhallas l-ammont ta' €600 kuljum sakemm il-kont gie saldat. Li kieku kienet taf qabel ma kinitx thallih jixtrih ghaliex kien kapricc.

L-istess kien ghamel il-konvenut meta kien xtara vann Citroen biex juzah ghax-xoghol *part-time* tieghu u dan ghamlu meta kienet qeghdha l-isptar u ma kien qallha xejn u wara li xtrah kien qallha li l-prezz kien ser jigi saldat b'xoghol ta' manutenzjoni go blokka flats.

2.Il-konvenut spjega li l-loan li ttiehed ta' €10,000 u kien dahhlu f'kont f'ismu u minnhom kien hemm bzonn €4,000 sabiex siefru u kienu xtraw wall unit, u TV bihom. Jinnega li kien hallas il-vann bihom, anzi jinsisti li fuq il-vann kien lanqas hareg centezmu. Jikkonferma li kien ha t-TV tal-marka Samsung 55 ", flimkien mas-*sound bar* u *sub woofer*, il-*headphones, laptop* Acer, *modem* tal-Melita u *ironing board, cuckoo clock* mill-Awstrija, pitturi, portable a/c, treadmill.

Dwar Azzopardi *wall frame* jghid li dan kien xtrah qabel iz-zwieg, u l-istatwa tal-injam bil-fidda kienet rigal minghand shabu. Kien anke ha l-gakketta tal-mutur, flimkien mal-helmet.

Jikkonferma ukoll li kien ha t-*tumble drier* li xtara qabel iz-zwieg, l-*album* tat-tieg, *Norway troll u shaker*, flimkien ma' zewg tazez tal-hgieg.

Jinnega li ha l-vettura Fun Cargo SUV, izda fil-pussess tieghu kellu Yamaha 600, BMW u vann Citroen.

Meta rega' tressaq in subizzjoni jghid li l-flus li hadu ghal-loan intuzaw sabiex imorru Sqallija, sabiex ghamlu l-bibien u fil-fattipprezenta rcevuta minn fejn jirrizulta li kien hallas €1,300 bhala depozitu.

Dwar il-mutur jinnega li thallas minn dan il-loan, izda kien xtrah fl-2016 meta kienu hadu l-loan fl-2018.

Wara li ghamlet l-operazzjoni, l-attrici tghid li l-konvenut ma kien ta' ebda support ghaliha u kien jippretendi li qed taghmel hafna ghageb. Tghid ukoll li l-konvenut kien beda jdum hafna ghall-*part-time* u lanqas kien jirrispondi t-telefonati jew messaggi taghha. Jekk kienet tipprova tikkuntattja sieheb il-konvenut kien jibda jghajjarha li ma kienitx tafdah.

L-attrici zzid tghid li mill-paga u l-*part-time* ma kien jghaddilha xejn u kienet tispicca thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, pagament tal-*home loan* u x-xiri. Il-konvenut kien jhallas il-kontijiet tal-Melita, mobile u telefon tad-dar u forsi xi ikla, kif ukoll il-kiri tal-garaxx. Meta kienet tispicca bla flus u kienet titolbu xi haga kien jirrifjuta u jghidilha li kellu bzonnhom sabiex jixtri l-ghodda u materjal li kien jahdem bih.

F'Ottubru, 2019, kienet hallsitlu vjagg Sqallija u minflok kien beda jghajjarha peress li kienu ghadhom kemm gew minn cruise. Waqt dan il-vjagg, fejn kienu marru ma' oht il-konvenut kienu ghamlu hbieb ma' koppja partikulari u wara li gew Malta bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Kienu jiltaqghu kull nhar ta' Sibt u matul il-Covid kienu ffurmaw chat u kienu joqoghdu jitkellmu kull filghaxija ghal xi 8 pm u fl-istess chat kien hemm ohtu. Koppja

minnhom kienet indunat li dejjem kienet tkun wahedha u stednuha sabiex tmur tiekol maghhom kull filghaxija.

Minn hemm bdiet thossha komda u tiftah qalbha maghhom u tghidilhom dwar il-wegghat taghha. Kienu ppruvaw jifthulha ghajnejha li ghandha tiftah qalbha mal-familjari taghha. Meta l-konvenut kien sar jaf li kienet tkun hemm, kien beda jghajjat u jirrabja. Kien jippretendi li jekk jasal ghal xi 11 pm tlestilu l-ikel u minkejja li kien ighajjarha, kien jispicca iqum filghodu jiccatja ma' nisa ohra.

Kien beda jkissirha mentalment, jghajjarha u jinsulentaha u jwaqqaghha tac-cajt. Il-koppja kienu irrakkomandawlha sabiex tibda tieqaflu u hekk bdiet taghmel u iktar beda jghir u jindanna. Kienet ilmentat maghhom li l-konvenut ma kien qed jaghmel xejn fid-dar u ghalhekk ir-ragel kien beda jmur ighin fil-manutenzjoni tal-post u kien javza lill-konvenut li kien ser ikun ghandhom.

Kienu baqghu jiffrekwentaw lil xulxin u fil-weekend kienu jghaddu ghaliha biex tohrog  maghhom.

Il-Hadd 21 ta' Gunju, 2020 kellhom johorgu ma' dina l-koppja izda t-tnejn li huma kienu ggieldu u meta sema' lill-attrici tghid lill-habiba taghhom, beda jtiha bil-ponn u anke waddbilha l-karkur ghal wiccha. Kien spicca li anke rema' c-curkett tat-tieg u qallha li qatt ma kien habbha.

Kien l-ghada li ddecidiet li tirrakkonta lil ohtha dak li kien gara, fejn gieghlitha tirrapporta l-kaz lill-pulizija u kienu anke intervjenew is-social

workers tal-Agenzija Appogg li spjegawlha li l-vjolenza domestika qatt m'ghandha tigi accettata.

Bdiet tibza' minnu u ghall-mod kif seta' jirreagixxa maghha jekk kien ikun irrabjat, tant li ddecidiet li tmur tghix mal-genituri taghha. Sadanittant, il-konvenut, li kien baqa' jghix fid-dar matrimonjali, kien baqa' jsegwi l-passi taghha fuq il-post tax-xoghol, kif ukoll sal-Furjana fejn kienet toqghod ommha u ghalhekk spiccat li kellha tirrappurtah mal-pulizija. Bejn Gunju u Settembru, 2020, kienet baqghet tghix mal-genituri taghha u f'Awissu, 2020, il-Qorti kienet ordnat li l-konvenut ghandu jizgombra mid-dar matrimonjali.

Meta l-konvenut telaq mid-dar l-attrici tishaq li kien ha mieghu l-oggetti kollha li kienu xtraw wara z-zwieg, anki flus li kienu mgemmghin flimkien. L-ammont in kontanti kienu ta' cirka €5,000. Mal-affidavit taghha annettiet lista tal-affarijiet li hadet mid-dar u tghid ukoll li l-istess gurnata li telaq mid-dar kien biddel l-*istatus* tieghu fuq Facebook fejn stqarr li qieghed f'relazzjoni ma'  DA

Il-konvenut jikkonferma li meta zzewwgu fit-28 ta' Mejju, 2011 kienu ddecidew li jmorru jghixu fil-fond li kien jappartjeni lill-attrici u cioe' 303, Zenti Flats, Zabbar Road, Fgura. Kien induna li kien hemm bzonn hafna xogholijiet f'dan il-post u ghalhekk kien ha self ta' €6,000 fuq ismu sabiex jirranga l-post u b'dawn il-flus kien hallas il-madum tal-kcina, armar tal-kmamar tal-banju, madum tal-hajt tal-washroom, l-art tal-bejt u l-appoggi kollha, is-soqfa tal-gallariji, kisi tas-saqaf tal-ensuite u tas-saqaf tal-kamra tal-banju u nofs il-kuritur, id-dawl fil-washroom u l-purtieri ghall-kamra tas-

sodda, il-purtieri ghall-kuritur u tal-living room u l-a/c tas-salott li kien swielu cirka €1,000. Kien anke xtara portable a/c u anke fann.

Kien anke xtara r-*reverse osmosis* ghall-valur ta' €700 u qabel iz-zwieg kien xtara kcina minn Ghawdex.[1] Peress li l-loan ma kienx bizzejjed kien anke beda jixtri l-affarijiet minn butu stess. L-attrici sadanittant kienet thallas il-loan li kienet hadet fuq il-post. Kien xtara kamra tas-sodda minghand il-kugina tal-attrici ghall-valur ta' €2,300 u kien beda jhallasha €230 fix-xahar.[2] Il-konvenut ikompli jsemmi diversi oggetti li kien xtara minn flusu.[3]

Il-konvenut jishaq li waqt l-gherusija kien jixtri lill-attrici diversi hwejjeg tad-ditta u anke gjollerija.[4]

Fiz-zwieg kien hemm problemi fit-tromba tat-tarag, tant li kellha ggib il-haddiema sabiex jghinuhom f'dak il-perjodu, waqt li l-attrici kienet ghamlet operazzjoni minhabba t-thyroid. Ma setghetx tmur lura ghax-xoghol, tant li ghamlet zmien ma kinitx tircievi paga u kien jaghtiha €300 fix-xahar sabiex thallas il-loan taghha u kien ukoll jaghtiha certu ammont ta' flus fix-xahar ghall-kontijiet tad-dawl u ilma,

Il-konvenut jammetti li kienu bdew jippruvaw sabiex jibdew familja, izda rrizulta li l-attrici kellha l-*fibroids, l*i kienu jimpeduha milli tinqabad tqila. Peress li kellha terga' tieqaf tahdem kien ihallas il-loan li kellha l-attrici.

[1] Dok. A anness mal-affidavit tal-konvenut.
[2] Dok. B anness mal-affidavit tal-konvenut.
[3] Doks. C – F annessi mal-affidavit tal-konvenut
[4] Ara fol. 113 tal-affidavir ral-konvenut

Il-konvenut ikompli jammetti li wara li hallas il-loan ta' €6,000 kien ha self iehor ta' €10,000 fl-2018.[5] B'dan l-ammont kien hallas il-bibien u l-vanity unit.[6] Il-bilanc ta' €3,000 li kien fadal iddecidew li jhallsu safra lejn il-Norvegja. Jikkonferma li kien xtara mutur BMW ukoll izda jinsisti li kien irrifonda dawn il-flus kollha fil-kont u l-ispejjez intefqu fid-dar. Ghall-BMW fil-fatt jghid li kien hareg €2,500 mill-*part-time* u €3,000 ittiehdu mil-loan. Pero' jghid li ghad hemm bilanc fuq is-self li ghad jrid jithallas. In kontro-ezami jghid ukoll li jista' jaghti l-kaz li l-*honeymoon* thallas minn dan il-kont.

Jikkonferma ukoll li kienu xtraw kamra tas-sodda minghand zit l-attrici u jinnega li l-attrici hallset ghaliha, izda jinsisti li ghall-kuntrarju kien hallas kollox hu.

Wara din is-safra l-konvenut jinsisti li l-attrici regghet riedet issiefer lejn Palermo u waqt dina l-btala kienu ltaqghu ma' zewg koppji Maltin u saru hbieb li kienu jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss. Kienu anke gieli raqdu ghandhom, kuntrarju ghal volonta' tal-konvenut.

Dan J  kien beda jistedinhom hafna fl-ghalqa li kellu u dan kien jsehh kull nhar ta' Hadd prattikament. Il-konvenut jilmenta li l-attrici u dan J  kienu jispiccaw jorqdu hdejn xulxin fuq is-saqqijiet li kien jpoggi hemm dan J . Kien hemm perjodu fejn l-istess J  kien jghaddi sabiex jigbor lill-attrici u ma kienx ha pjacir b'dawn il-kunfidenzi tant li kien wera lill-attrici li dan il-komportament ma kienx niezel sew mieghu.

---

[5] Dok. G anness mal-affidavit tal-konvenut

[6] Doks. H u I annessi mal-affidvait tal-konvneut

Jzid jghid li kien hemm zmien fejn l-attrici bdiet tghid li tixtieq iddur il-bejt u dan J , kien offra sabiex jaghmel ix-xogholijiet hu, u tant beda jinsisti li kellha ccedi.

Il-konvenut jammetti li kien beda jiddejjaq b'dina s-sitwazzjoni u kien insista mal-attrici sabiex taqta' kuntatt minn mieghu u kienu spiccaw jiggieldu kuljum, tant li fl-ahhar l-attrici kienet waslet sabiex talbitu jitlaq mid-dar u l-konvenut kien mar joqghod il-Birgu. Kien baqa' bit-tama li jirrangaw u jishaq li rega' mar lura l-flat il-Fgura sabiex jirrangaw, izda l-attrici ma riditx medjazzjoni u jew wisq anqas, rikonciljazzjoni.

Meta gie ordnat sabiex jitlaq mid-dar matrimonjali, kien ha hafna oggetti, izda meta kien inhareg mandat kontrih biex jizgombra mid-dar matrimonjali, hu kien hallielha hafna mill-affarijiet li kien xtara minn flusu u mil-loans li kien ha sabiex jirranga l-appartament.

In kontro-ezami dwar DA jghid li ghall-bidu kien jafha bhala klijenta tieghu u kienu baqghu jiccattjaw u jammetti li l-attrici kienet tiggieled mieghu fuq hekk, tant li kien waqaf. Imbaghad sar jaf li kienet qed tohrog ma' wiehed abbusiv u kien ikkomunika maghha sabiex tevitah ghall-gid taghha, Jinnega li malli telaq mid-dar tella' fuq Facebook li qieghed f'relazzjoni maghha. Ighid li kien bejn tlett xhur jew sitta li beda johrog maghha. Jikkonferma ukoll li kien jikkomunika ukoll ma' GB li kien ilu jafha minn zmien l-iskola.. Imbaghad meta saret taf l-attrici kien waqaf ghal xi zmien hu anke bblukkjaha minn Facebook, izda mbaghad regghu bdew jikkomunikaw.

In kontro-ezami jikkonferma li meta telaq mid-dar kien ha televixin, speaker, hadida tal-mghodija, inkwatru li kien tah fiz-zwieg li kien tal-fidda. Kien anke qasam it-tazzi tax-xampanja u kien biegh l-ghodda recentement.

3.**Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet irrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

i) F'isem il-konvenut savings account 400175229657 li ghadu miftuh;[7]

ii) F'isem l-attrici rrizultaw zewg kontijiet bankarji current account numru 18604969018 li ghadu miftuh u savings account 18604969021 li ghadu miftuh ukoll, kif ukoll credit card account li ghadu miftuh,[8]

Iktar tard regghet xehdet u pprezentat diversi kontijiet ohra, li jikkonsistu kont f'isem il-konvenut li kienet diga' pprezentat.[9]

F'isem l-attrici rrizultawlha zewg kontijiet *current account* u *savings account* li t-tnejn ghadhom miftuhin.[10]

Bhala kont kongunt irrizulta kont wiehed, liema kont inghalaq.[11]

4. **Lorraine Attard** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet irrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

---

[7] Dok. JB 1
[8] Dok. JB 2 – JB 3
[9] Doks. BOV X1
[10] Doks. BOV X 2 u BOV X3
[11] Dok. BOV X4

i) f'isem l-attrici *savings account* li jgib in-numru 089028625050 li ghadu miftuh, kif ukoll Loans account mal-Mortgages Department li jgib in-numru 03523196 li ghadu miftuh ukoll.[12]

ii) f'isem il-konvenut jirrizulta li hemm *savings account* li jgib in-numru 040866050 li ghadu miftuh u *current account* li jgib in-numru 087159810001 illi ghadu miftuh, kif ukoll kont ta' credit card.[13]

iii) Kien hemm ukoll kont konguntiv li jgib in-numru 087159802245.[14] Tikkonferma li dawn il-kontijiet imorru lura sa hames snin ilu.

Iktar tard regghet xehdet u kkonfermat li mir-ricerki li ghamlet mis-sena 2017 'il quddiem, irrizultatlha *savings account* f'isem l-attrici.[15] Ipprezentat ukoll entrati li saru mill-1 ta' Jannar, 2011 sas- 7 ta' Jannar, 2012.[16]

Irrizultalha ukoll *loan account*.[17]

F'isem il-konvenut tghid li rrizultalha *savings account* u l-entrati li kien hemm mill-1 ta' Jannar, 2011 sal-24 ta' Jannar, 2012.[18] Kienet irrizultatilha ukoll kont tal-credit card minn Settembru, 2013.[19] Kien hemm ukoll *loan account* li kien inghalaq.[20]

Ipprezentat ukoll update ta' statement tas-sena 2011 meta nfethet il-credit card f'isem l-attrici.[21]

---

[12] Doks. LA 1 – LA 2
[13] Doks. LA 3 – LA 5
[14] Dok. LA 6
[15] HSBC 1
[16] HSBC 2
[17] HSBC 3
[18] HSBC 4 u HSBC 5
[19] HSBC 6
[20] HSBC 7
[21] Dok. BOV X5

5. **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li f'isem l-attrici rrizultawlha zewg vetturi rregistrati f'isimiha, pero' dawn huma skrappjati u dawn huma Citroen b'numru ta' registrazzjoni AX PAT 942 u Austin Mini HAB 585.[22]

Tikkonferma li fil-passat ma kellhiex vetturi rregistrati fuq isimha.[23]

Fuq isem il-konvenut irrizultaw seba' vetturi rregistrati fuqu, wahda minnhom hija skrappjata li hija Vauchal Nova bin-numru ta' registrazzjoni LAC 861. Il-vetturi l-ohra huma Yamaha R1 bin-numru ta' registrazzjoni YAM 046, Citroen Dispatch bin-numru ta' registrazzjoni VOL 230, Peugeot 309 b'numru ta' registrazzjoni AAD 749, Toyota Yaris Verso b'numru ta' registrazzjoni FCP 253, Yamaha 600 b'numru ta' registrazzjoni UCA 600 kif ukoll BMW F 800 R bin-numru ta' registrazzjoni BMW 797.[24]

Tikkonferma ukoll li fil-passat il-konvenut kellu vettura wahda rregistrata fuq ismu Peugeot 306 b'numru ta' registrazzjoni JHA 428.[25]

6. **PC 1357 Gilford** ipprezentat tlett rapporti li saru mill-attrici u dawn saru fil-21 ta' Gunju, 2020, id-19 ta' Settembru, 2020 u l-iehor fid-9 ta' Lulju, 2020 rispettivament.[26]

7. **Analise Livori Bonici Mompalao,** li tahdem id-Domestic Violence Unit mal-Appogg, tikkonferma li l-attrici kienet marret taghmel rapport kontra l-konvenut u hi ma' kollega ohra kienu ghamlu

[22] .Dok. KC 1
[23] Dok. KC 2
[24] Dok. KC 3
[25] Dok. KC 4
[26] Doks. GB1 -GB3

mistoqsijiet biex jaraw f'liema riskju tinstab mill-affarijiet li kienet qed tallega li kienu qed jigru fil-konfront taghha. Dan sar fit-22 ta' Gunju, 2020. Ir-rizultat kien li kien hemm riskju medju bi score ta' numru 20.[27]

8. **Redent Farrugia** fil-kapacita' tieghu bhala *risk assessor* fit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika Appogg, jispjega li wara li l-attrici ghamlet rapport u saritilha *risk assessment*, giet assenjata lilu fit-8 ta' Lulju, 2020 u minn dakinhar kien icemplilha kuljum sabiex isegwu kif kienet baqghet. Kien hemm zmien sakemm bdiet is-separazzjoni li kienet qalet li l-konvenut kien qed isegwi l-passi taghha, izda s-sitwazzjoni kkalmat wara li bdew bil-proceduri.[28]

9. **Gillian Balani** tispjega li kienet *student support councillor* mal-Victims Support Malta u l-attrici kienet klijenta taghha. Kienet marret ghandha l-ewwel darba f'Awissu, 2020 u spiccat f'April, 2021 ghal tnax-il sezzjoni.

Tispjega ukoll li l-attrici kienet giet irriferuta mill-Victims Support Unit, wara incident ta' vjolenza mir-ragel taghha u kienet giet ghas-support emozzjonali ghax kienet iddecidiet li ttemm iz-zwieg.

Izzid tghid li l-attrici kienet ilmentat li r-ragel kien jikkontrollaha hafna u kellha *self-esteem* baxxa u dan minhabba li l-konvenut ma kienx ihalliha taghmel l-affarijiet li kienet thobb u kienet anke ikellimha b'mod negattiv hafna. Meta kienet infurmatu li riedet ittemm ir-relazzjoni taghhom, kien rega' pprova jerga' jinghaqad maghha, izda ma riditx u ppruvat taqta' l-komunikazzjoni minn mieghu, l-iktar ghax kienet tibza minnu.

---

[27] Dok. AM 1
[28] Dok. RF 1

Tghid li l-iktar li hadmu kien fuq is-*self-esteem* taghha li kien baxx hafna u ghalhekk hadmu sabiex tkun iktar assertiva. Kien difficli ghaliha ukoll li taccetta li r-relazzjoni taghha spiccat u ghalhekk hadmu hafna fuq il-grieving process.

10. **DA** tikkonferma li qiedgha f'relazzjoni mal-konvenut u ltaqghu f'Settembru, 2020. Tghid li ltaqghu fit-18 ta' Settembru u harget mieghu bhala hbieb. Dak iz-zmien kienet ghadha kemm hassret minn mal-gharus taghha, imbaghad kienu bdew johorgu flimkien b'iktar serjeta'.

Tispjega ukoll li meta ltaqghu u baqghu jiffrekwentaw lil xulxin kien qallha li ma kienx ghadu mal-mara u kienu qed jisseparaw bil-Qorti.

Tikkonferma li kienet tefghet ritratt fuq Facebook li kienu qedghin f'relazzjoni u bhala data kienet semmiet it-18 ta' Settembru, 2020, izda tghid li dik id-data kienet tefghetha hekk wara.

11. **CC** jikkonferma li kien hadem *vanity unit* ghall-fond 303, Flat 2, Zabbar Road, Fgura peress li xogholu huwa dak ta' mastrudaxxa, li kellu valur ta' cirka €1300. Ighid li kien jaf lill-konvenut u dejjem mieghu kien jitkellem. Wara kien anke hadmilhom erba' bibien. Kien hallsu in kontanti. Ighid ukoll li kien ghad fadal il-hlas tal-installazzjoni tal-bibien.

12. **MR F** , oht l-attrici tispjega li l-partijiet kienu damu hames snin gharajjes qabel ma zzewwgu. Dak iz-zmien, tghid li l-konvenut kellu 23 sena u kien ighix wahdu Wied il-Ghajn peress li kien tbieghed

> mill-genituri tieghu. Wara zmien li kienu bdew johorgu flimkien, il-konvenut mar ighix mal-attrici, flimkien mal-genituri taghha u dawn kienu jittrattawh bhala binhom u kienu jistmawh hafna.

Wara li zzewwgu kienu marru joqoghdu fl-appartament ta' ohthom M u ftit wara li zzewwgu sabu li l-attrici kellha kancer u kellha tigi operata u tghid li ma setghux jippruvaw ikollhom tfal minhabba l-pilloli li kienet qed tiehu tar-radjazzjoni. Wara li rkuprat kienu jidhru li qed ighixu hajja normali, li kien hemm biss kienu ttraskurati u ma tantx kienu jzommu d-dar ordnata u fi stat ta' manutenzjoni tajba.

Tikkonferma li ghall-habta ta' Settembru, 2018 kienu marru kollha flimkien *cruise* u tishaq li bhala familja kienu pjuttost maghquda, Tghid ukoll li kienu jiltaqghu regolarment ghandha l-Hdud ghat-te', izda maz-zmien il-partijiet ma tantx kienu baqghu jmorru u l-attrici kienet tmur mal-konvenut fuq il-mutur, peress li dan tal-ahhar kellu dan il-vizzju.

Tispjega ukoll li ghall-Ewwel tas-sena 2019/2020, il-partijiet kienu marru Sqallija u kienu ghamlu hbieb ma' familja Maltija u baqghu jiffrekwentawhom regolarment meta rritornaw lura Malta. Imbaghad tkompli tispjega li bejn Jannar u Gunju, 2020 ma tantx kienu jitlaqghu. Minhabba l-Covid, l-attrici kienet tahdem mid-dar u l-konvenut kien jahdem mal-Enemalta, izda kien jahdem ukoll bhala *turnkey contractor* fuq bazi *part-time* u kien jahdem hinijiet twal, tant li l-attrici kienet issib ruhha wahedha ghal zmien twil u ghalhekk kienet tispicca tqatta' hafna hin mal-familja li maghhom kienu ghamlu hbieb. Il-konvenut ma bediex jiehu gost u beda jinsulentaha u ma ridix tibqa' tmur. Dan l-agir kien eskala sal-punt li anke kien wegga' lill-attrici.

Fit-22 ta' Gunju, 2020, l-attrici kienet cemplitilha u bdiet tibki meta bdiet tirrakkontalha minn xiex kienet ghaddejja u li ma kellhiex kuragg titkellem mal-familja taghha. Kienet fethet qalbha mal-familja li kellha relazzjoni tajba li kienu jaghmlulha kuragg.

Wara dan l-incident tghid li kienet irrakkomandat lill-attrici sabiex tmur tiehu parir minghand tabib sabiex jinviztaha. Kienet anke qaltilha sabiex tmur tirrapporta lill-konvenut mal-Pulizija wara li kienet semghatilha r-*recordings* li kellha tal-argument. Tispjega ukoll li l-attrici kienet anke ammettiet maghha li kellha suspetti li l-konvenut kien qieghed f'relazzjoni ma' certu D li kienet klijenta tieghu u kienet ilha ssegwi l-messaggi tieghu minn fuq Messenger. Meta fl-ahhar iddecidiet li taffrontah kien beda jghajjat u sar aggressiv maghha u weggaghha taht ghajenjha u kienet anke semghetu mir-*recordings*, iwaddab ic-curkett tat-tieg mal-art u jghidilha li qatt ma kien habba.

Xi gimgha wara dan l-incident, l-attrici bdiet tibza tghix mal-konvenut u kienet garret xi affarijiet personali taghha u marret tghix mal-genituri taghha. Sadanittant, il-konvenut beda jsegwi kull pass taghha u kien anke beda jiffittahom sabiex jergghu jirrikonciljawhom, izda l-attrici ma riditx tirranga ghax ma riditx terga' tghaddi minn dak li kienet ghaddiet.

Kienu ttiehdu proceduri fil-konfront tal-konvenut u kien gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali u meta l-attrici marret lura fid-dar sabet li l-konvenut kien garr certu oggetti mid-dar, fosthom set tat-televizjoni u anke kwadru tat-tila. Fit-18 ta' Settembru, 2020 kienet qaltilha li ra li l-konvenut kien tella' Facebook account flimkien ma' dina Davinia, fejn annucja li kien qieghed f'relazzjoni maghha.

Oht l-attrici tghid ukoll li l-konvenut kien egoist in kwantu jirrigwarda l-finanzi ghaliex mill-paga taghha l-attrici kienet thallas is-self tal-post, il-bzonnijiet tal-gimgha, flimkien ma' spejjes ohra relatati mad-dar u dan meta kienet tahdem *full-time* bhala skrivana mal-MCast. Il-konvenut qatt ma kien jaghti soddisfazzjoni lill-attrici rigward il-paga tieghu, anke dak li jirrigwarda l-*part-time* u kien ihallas biss fejn ma kinitx tilhaq l-attrici u izjed minn hekk ma kienx jaghtiha soddisfazzjon.

13. **S G** , in rapprezentanza ta' SG Woodworks Ltd. Jikkonferma li kien hadem kcina pjuttost kbira ghall-partijiet izda ma setax jiftakar kemm kienet qamet.

**14.** **JA** li kien sar jaf lill-partijiet waqt btala Palermo jispjega u dan kien ghall-habta tas-sena 2020. Kienu jiffrekwentaw lil xulxin bhala koppji u kienu jitlaqghu hafna l-ghalqa tieghu**.**

Jikkonferma li llum hu u l-attrici qedghin f'relazzjoni u ilhom minn Ottubru, 2020.

15. **GM** tikkonferma li kienet saret taf lill-partijiet waqt btala li ghamlu bhala parti minn grupp li maru Palermo.

16. **D F ,** oht l-attrici tispjega li kienet ideja tal-attrici li jmorru btala Sqallija ghall-birthday tal-konvenut u kienet talbithom sabiex imorru maghhom u hekk ghamlu. Meta kienu Sqallija kienu saru jafu zewg koppji ohra, in partikolari certu JA u JOA u tghid li l-attrici iktar kienet interessata li toqghod ma' dina l-koppja milli maghhom.

Tispjega li meta gew lura Malta kollha kienu baqghu jiffrekwentaw lil xulxin u kienu jiltaqghu ta' spiss fl-ghalqa ta' dan JA . Kienet tinnota li l-attrici kienet dejjem tpoggi vicin dan J u maz-zmien isemmi diversi incidenti li kienu wassluha sabiex temmen li seta' kien hemm certi kunfidenzi zejda bejn l-attrici u JA u kienet anke tkellmet mal-konvenut li kien jafda lill-attrici.

Dan wassal ghal hafna glied bejn il-partijiet sakemm hassru minn ma' xulxin.

Tammetti li kienet thoss ghall-konvenut peress li kien hadem u stinka sabiex ilestu d-dar u l-attrici ma kien jonqosha xejn mieghu. Kienet taf li l-konvenut kien xtara l-kcina personalment, ghadda d-dawl u l-ilma wahhal il-madum, sewwa l-bejt u kien anke pogga *reverse osmosis*. Sabiex ilesti l-post il-konvenut kien anke jahdem *part-time.*

## **<u>KONSIDERAZZJONIJIET:</u>**

### **<u>Responsabbilita'</u>**

Fir-rikors taghha, l-attrici qed taddebita lill-konvenut il-htija ghat-tifrik taz-zwieg minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi, filwaqt li fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jaddebita lill-attrici l-htija tas-separazzjoni minhabba adulterju, sevizzi, theddid, eccessi u offizi gravi fil-konfront tal-konvenut. Ghalhekk, il-Qorti sejra tezamina l-provi prodotti fid-dawl tal-gurisprudenza u tal-ligi taghna, biex tara jekk effettivament il-provi jwasslux ghal htija o meno f'parti jew f'ohra.

**Sevizzi, Eccessi u Ingurji Gravi**

**Il-Ligi**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi:

***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e  sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu

sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza***

***tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

**Adulterju**

**Il-Ligi**

F'diversi okkazzjonijiet dina l-Qorti stabbilit li bhala aggravju tas-separazzjoni sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg  li "jigi ppruvat permezz ta' ndizji u prezunzjonijiet purche' jkunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."[29]

Fil-kawza **Josephine Edwards vs Avukat Dr.Joseph a. Xuereb noe**. Il-Qorti qalet illi:

"***Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza "de visu," jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvincement tal-fatt."***

"… ***l-Qorti hija konvinta dwar dan, li dak li primarjament wassal ghall-firda bejn il-partijiet kienet l-attitudini tal-konvenut li kien hati verso l-attrici ta' eccessi, mohqrija u sevizzi, u hawn l-istess Qorti taqbel ma' dak li qalet il-perit legali limitatament ghal dan ir-rigward u cjoe' li mill-provi prodotti jirrizulta li "ma kienx l-adulterju tal-attrici kien li farrak iz-zwieg. Iz-zwieg kien gja' tkisser irremedjabilment. L-esponenti ma tarax li ghandha titfa' l-htija tas-separazzjoni fuq l-adulterju tal-***[30]***attrici (ara "Xuereb utrinque" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 t' April 1991)"***

---

[29] Rita Schembri vs Dot. Albert Grech et.noe.

[30] Cauchi vs Cauchi 02/10/2003

Fix-xhieda taghhom, il-partijiet donnhom ma jilmentawx dwar l-ewwel ftit snin taz-zwieg taghhom. L-ewwel indikazzjonijiet li kien hemm xi problemi zghar fiz-zwieg taghhom kien meta l-konvenut beda jahdem *part-time.* L-attrici tishaq li maz-zmien, il-konvenut kien beda jdum hafna x-xoghol u kien jidhol tard u kien jippretendi li ssahhanlu l-ikel anke jekk kienu jkunu ghall-habta tal-11 pm.

L-attrici hasset l-assenza u n-nuqqas ta' empatija lejha meta kellha taghmel operazzjoni u ma tantx sabet support mill-konvenut, anzi kien jinsultentaha li kienet qed taghmel hafna ghageb. L-attrici hassitha iktar offiza meta sabet diversi messaggi li l-konvenut kien jibghat lil certu GB li kien johrog maghha meta kienu izghar u iktar 'l quddiem kien jikkomunika ma' certu DA li prezentement il-konvenut qieghed f'relazzjoni maghha. L-attrici kienet imdejjqa minhabba l-kunfidenzi zejda li kien hemm fl-iskambjar ta' dawn il-messaggi u addiritura l-konvenut kien qghadt jitkellem fuq l-operazzjoni u l-problemi tal-fibroids li kellha l-attrici mal-istess G li wassal ghall-problemi fl-intimita' taghhom.

Il-konvenut ammetta li kien jikkomunika ma' dawn in-nisa u rigward DA jammetti li kien waqaf jikkomunika maghha ghal zi zmien peress li l-attrici kienet tilmenta li dan ma kienx agir proprju. Ighid li kien iltaqa' maghha peress li kienet klijenta tieghu u kienet taghmillu xi xogholijiet. L-attrici da parti kienet thossha ddispjacuta ghaliex malli kienet turih id-dispjacir taghha ghal dawn ic-*chats* kien jaqbad ighajjarha migununa u jinsulentaha. Mignuna ma tantx kienet effettivament gialadarba l-konvenut illum qieghed f'relazzjoni ma' DA anzi l-istess konvenut jammetti li kien rega' beda jikkomunika mal-istess Abdilla ghaliex kienet qed tohrog ma' certu ragel li fil-fehma tieghu ma kienx ighodd ghaliha.

Primarjament, x'interess jista' jkollu l-konvenut li jaghti parir lill-klijenta tieghu mhux fuq xoghol imma fuq ir-relazzjoni taghha, Jekk din tissejjah ma tissejjahx ghira, dina l-Qorti ma tafx x'tista' tissejjah! Imbaghad il-buzilliz hi li sfaccatament fit-18 ta' Settermbru, 2020 dakinhar li l-konvenut zgombra mid-dar matrimonjali holoq pagna ta' Facebook kongunta ma' D A li qeghdin f'relazzjoni, bhal donnu jrid jisfida d-decizjoni tal-Qorti. Kemm A kif ukoll il-konvenut jinnegaw li r-relazzjoni bejniethom nibtet ferm wara, b'A ssostni li kemm xehtet dina d-data kif gie gie u li r-relazzjoni kienet bdiet wara li l-konvenut kien infurmaha li kien infired minn mal-attrici.

L-attrici tammetti li minhabba l-hinjiet twal li l-konvenut kien jahdem, partikolarment matul il-Covid kienet tqatta' hafna hin wahedha, kienet thossha wahedha. Kien fiz-zmien li kienu jikkomunikaw bic-*chats* mal-koppji li maghhom kienu ghamlu hbieb meta marru btala Sqallija, inkluz oht il-konvenut, fejn koppja minnhom indunat li l-attrici kienet tkun hafna wahedha u bdew joffrulha tmur sa hdejhom filghaxijiet. Dan apparti ta' min issemmi li bhala koppji, wara Sqallija kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin kull *weekend* fl-ghalqa ta' JA li prezentement qeghdha f'relazzjoni mieghu l-attrici.

Il-konvenut jakkuza lill-attrici ta' adulterju mal-istess J u dan meta kien beda jiddejjaq li kienet tqatta' hafna hin maghhom u dan l-istess J kien imur jaghmel xoghol ta' manutenzjoni ghandhom peress li ma kienx jaghmel dan ix-xoghol hu stess. Oht il-konvenut li kienet tkun maghhom waqt dawn l-attivitajiet xehdet li bdiet tinduna li fejn kien hemm l-attrici dejjem kien ikun hemm dan J u meta darba kienu marru jghumu kienet sabet lill-attrici fuq l-istess *sunbed* mieghu peress li kien hemm biss post ghal zewg koppji. Meta kien induna b'dan l-atteggjament il-konvenut stess jammetti li kien ghamel xenata mal-attrici.

L-agir li tikkundanna l-attrici li gieghla tiehu decizjoni li titlaq mid-dar matrimonjali, kien wara li l-konvenut kien refa' idejh fuqha wara li kien semmaghha titkellem mas-siehba ta' J i kienu ggieldu. Dakinhar kien anke waddab ic-curkett tat-tieg u ammetta maghhha li ma kienx ihobbha.

Kien hawn li l-attrici kienet marret taghmel rapport u fittxet l-ghajnuna tal-Appogg. Gillian Balani mill-Victim Support Unit xehdet li kien minn hawn li l-attrici bdiet tqum fuq saqajha "***L-iktar affarijiet li hdimna fuqhom kienu, is-self esteem taghha, li kien baxx hafna…il-fatt li r-relazzjoni spiccat, kienet difficli biex taccettaha, allura hdimna fuq il-grieving process. "***

Tenut kont tal-elementi li jikkostitwixxu adulterju u kif izvillupaw mill-gurisprudenza nostrana, il-Qorti tqis li mill-indizi u prezunzjonijiet gravi m'hemmx dubbju li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju.

In kwantu jirrigwarda l-attrici, il-Qorti tikkunsidra li effettivament l-attrici bdiet thossha abbandunata mill-konvenut li certament kellu l-interessi tieghu band'ohra bl-iskuza tal-*part time* li kienu jehodlu l-hin, u l-ammissjoni tieghu li ma kienx ghadu jhobb lill-attrici, sabet kenn fil-koppja fformata minn J u s-siehba tieghu u maz-zmien spiccaw f'relazzjoni. B'dana ma jfissirx li dan l-adulterju kien il-kagun tas-separazzjoni, izda kienet konsegwenza tal-htija tal-konvenut fejn l-attrici kienet qed tisssuspetta li kien hemm adulterju u tbierdet minnu, apparti li kien jirridikolaha, u jinsulentaha. Semmai, l-attrici ghandha titqies responsabbli ta' ingurji gravi biss, filwaqt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi u anke adulterju.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Illi mill-provi jirrizulta li ma hemmx immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Hemm qbil li d-dar matrimonjali u cioe' 303/2, Zenti Flats, Zabbar Road, Fgura, hija proprjeta' parafernali tal-attrici u ghalhekk m'ghandhiex tibqa' tigi kkunsidrata bhala d-dar matrimonjali.

Bhala mobbli, huwa ammess da parti tal-konvenut li meta gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali, kien garr mieghu diversi oggetti mobbli fosthom ha televizjoni, Samsung *Sound bar u sub woofer, headphones, laptop Acer, Melita Modem, Ironing board, cuckoo clock,* pitturi, portable a/c, treadmill, Azzopardi *wall frame*, statwa tal-injam bil-fidda*, motorcycle jacket u helm*et, nofs Mdina Glass chessboard, zewg tazzi u shaker, Yamaha YAM 046, mutur BMW b'numru ta' registrazzjoni BMW 797 u Citroen Dispatch VOL 230. Apparti dawn il-mobbli hemm lista inklussiva li l-attrici annettiet mal-affidavit taghha,

Skond l-attrici, effettivament kull ma hallas warajh il-konvenut fid-dar matrimonjali kienu l-bibien li kienu ghadhom mhux imwahhlin, kif ukoll il-vanity unit.

**Vetturi**

Apparti l- vetturi fuq imsemmi li diga' jinstabu fil-pussess tal-konvenut jirrizulta li hemm irregistrati fuq ismu ukoll is-segwenti vetturi:-

i) Peugeot 309 bin-numru ta' registrazzjoni AAD 749

ii) Toyota Yaris Verso bin-numru ta' registrazzjoni FCB 253 (garaged)

iii) Yamaha 600 UCA (Garaged).

**Ghodda**

Il-konvenut ma nnegax li kellu diversi ghodda minhabba x-xoghol li kien jaghmel *part-time*, izda in kontro-ezami kien iddikjara li dawn kien bieghhom, izda ma pproduca ebda dokument biex jikkonvinci lil dina l-Qorti li dawn kienu nbieghu.

Skond l-attrici l-konvenut kien anke ha €5,000 li kienu jinstabu fid-dar u dan ma giex innegat mill-konvenut, izda fuq dawn ma ngabux provi sufficjenti u konvincenti.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tordna arbitrio boni viri li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici €2,000 ghall-ghodda,

**Dejn**

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li bhala dejn hemm self li ttiehed fl-ismijiet kongunti fl-ammont ta' €10,000, liema somma ngibdet fis-6 ta' Gunju, 2018. Il-bilanc sat-2 ta' Settembru, 2021 kien jammonta ghal €5,911.52 u possibilment dan il-bilanc illum huwa anqas.

Hafna mill-kontro-ezami tal-konvenut kien relatat ma' dan is-self, hu l-istess konvenut qatt ma kien konsistenti fix-xhieda tieghu meta gie mistoqsi fejn marru dawn il-flus. Xehed li parti minn dawn il-flus kienu ntuzaw sabiex marru *cruise* u biex xtraw TV u *wall unit*. Ighid li ntuzaw ukoll *in parte* sabiex xtara l-mutur BMW u parte mill-flus harighom mill-

kont personali kif jirrizulta mir-rendikont f'Dokument LA 4. Minn dan ir-rendikont jirrizulta ukoll li kien hemm diversi *cash withdrawals* li nhargu mill-konvenut fl-ammont ta' €600 kull darba.

Fil-fehma tal-attrici, meta jigu mqabbla d-data ta' meta nfetah il-kont tas-self u d-dati fuq il-fattura mahurg minn Industrial Engineering Services Limited is-self intuza principalment biex jithallas il-mutur BMW 176 li nxtara ghas-somma ta' €6,450. Fuq insistenza fil-kontro-ezami, il-konvenut jinsisti li kien hallas parti mill-mutur minn dan is-self, izda kien hallas il-qbija bi flusu u kien hallas kollox lura.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attrici li jekk kemm il-darba, il-konvenut rega' hallas lura l-flus f'dan il-kont, il-flus li thallsu kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.

**Krediti tal-Konvenut**

Il-konvenut jallega li ghamel diversi benefikati fid-dar matrimonjali u ghalhekk in segwitu qed jippretendi li ghandu kreditu favurih minn dawn ix-xogholijiet. Il-konvenut jammetti li kien ha self ta' €6000 fuq ismu sabiex jirranga l-post ghax kien tal-fehma li kien jehtieg hafna manutenzjoni. Isemmi li hareg spejjes sabiex ghamel ***"il-madum tal-kcina, armar tal-kmamar tal-banju, madum tal-hajt tal-washroom, l-art tal-bejt u l-appoggi kollha, is-soqfa tal-galleriji, kisi tas-saqaf tal-ensuite u saqaf tal-kamra tal-banju."***

Il-konvenut ghamel referenza ghall-akkwist ta' a/c u *reverse osmosis*. Madanakollu, qed jigi rilevat minn dina l-Qorti li l-konvenut naqas li

jipproduci dokumentazzjoni jew dettalji dwar meta suppost ghamel dawn l-ispejjez.

L-attrici da parti taghha tikkorrobora biss l-verzjoni tal-konvenut in kwantu kien hallas biss it-tikhil u tibjid tal-appogg f'dan il-post qabel iz-zwieg u dan kien sewa Lm900 (€2,096).

Ghaldaqstant, ghajr ghal dan l-ammont ma jirrizultax li l-konvenut irnexxielu jipprova l-ispejjez l-ohra.

Inoltre, il-konvenut huwa inkonsistenti dwar is-self li ha fl-ammont ta' €6,000 li ttiehed fid-29 ta' Jannar, 2011.[31] L-attrici tinsisti li dawn ittiehdu mill-konvenut sabiex ihallas it-tieg u *cruise* ghall-honeymoon. Il-konvenut lanqas kien car meta mistoqsi in kontro-ezami jekk certu spejjes thallsux minn dan il-kont.

In ogni caso, jekk dan is-self ittiehed sabiex ihallas certi spejjez relatati maz-zwieg, l-uniku spejjez li jirrizultaw huwa dak tal-appogg u ghalhekk mis-somma ta' Lm6,000 ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta' Lm900 li hallas il-konvenut. Il-bilanc jirrizulta ghalhekk li thallsu f'spejjez matul iz-zwieg u ghalhekk jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif allegat l-attrici u ghaldaqstant il-pretensjoni tieghu ghandha tkun ghal nofs il-bilanc.

**Benefikati waqt iz-Zwieg**

[31] Dok. HSBC 7

Pretensjoni da parti tal-konvenut sabiex jithallas ghall-ghamara, appliances u anke accessorji li jinsisti li xtara, hija nfondata dan stante li dawn il-mobbli ma jirrapprezentawx benefikati fid-dar matrimonjali, Ma rnexxilux jipprova li hallas ghal dawn il-mobbli minn flusu jew addiritura minn flus li kien ha mis-self peress li jirrizulta li minn dawn il-flus hallas biss l-appogg. Ghaldaqstant, il-konvenut huwa ntitolat biss ghan-nofs il-valur ta' dawn il-mobbli.

Hemm verzjonijiet kontrastanti ukoll in kwantu jirrigwarda l-kamra tas-sodda li xtraw minghand zit l-attrici, L-attrici tinsisti li l-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas ghal din il-kamra stante li l-ftehim kien li ser jarma d-dar u spicca hallas biss l-ewwel zewg pagamenti ta' Lm100 kull wiehed u r-rimanenti bilanc thallas mill-attrici, fejn l-ahhar pagament sar f'Novembru, 2010.

Ghalhekk, il-pretensjoni tal-konvenut hija limitata biss ghal Lm200 rapprezentanti z-zewg pagamenti li effettwa fuq l-istess kamra tas-sodda.

Dwar il-kcina, skond ix-xhieda tal-attrici, dina thallset minn flus li qalghu kemm mill-engagement kif ukoll mit-tieg f'Gunju, 2011. SG ta' SG Woodworks ikkonferma li kien hadem kcina ghall-partijiet izda ma setax jaghti iktar dawl fuq l-ordni. Ghaldaqstant ghandu jigi kkunsidrat minn dina l-Qorti li l-kcina thallset minn flus komuni u ghaldaqstant, il-konvenut ma jistax jivvanta ebda pretensjoni fuq l-istess ghajr nofs il-valur odjern tal-istess.

Jifdal biss biex tigi kkunsidrata l-kwistjoni dwar il-bibien interni. Huwa kkonfermat kemm mill-partijiet kif ukoll minn CC li bhala mastrudaxxa kien hadmilhom dawn il-bibien, li dawn ghadhom ma gewx installati peress li l-istess installazzjoni ghad trid tithallas. L-attrici tinsisti li l-bibien u l-vanity unit kienu qamulhom €3,000, izda stante l-fatt li dawn il-bibien lanqas m'huma installati, dina l-Qorti, ghalkemm ma taqbilx mal-attrici li dawn ma jistghux jigu kkunsidrati bhala benefikati, ghandu jigi rilevat li dawn *in parte* thallsu, ghajr ghall-installazzjoni u dan jfisser li l-konvenut ghandu jithallas ghal nofs il-valur ta' dawn il-bibien.

**<u>Home Loan</u>**

Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet akkwistat id-dar matrimonjali qabel iz-zwieg u kienet assumiet ukoll il-hlasijiet tas-self kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attrici li l-komunjoni tal-akkwisti ghalhekk ghandha kreditu kontra l-patrimonju parafernali tal-attrici fir-rigward tal-pagamenti li saru fiz-zwieg.

Il-Qorti tirrileva li konsiderando li l-konvenut irrenda ruhu hati tat-tifrik taz-zwieg minhabba li kkommetta adulterju ma' DA , mid-data li rrenda ruhu hati tal-firda ghandu jitqies li tilef il-jedd ghan-nofs tal-akkwisti. Il-Qorti ghandha tikkunsidra ukoll d-data minn meta l-konvenut irrenda ruhu hati tal-firda. Effettivament, ghalkemm il-konvenut kien ikkrea *profile* gdida fuq pagna tal-Facebook mal-prezenti siehba tieghu D A , fejn iddikjaraw li qedghin f'relazzjoni u dan mit-18 ta' Settembru, 2020, dina l-Qorti, kif diga' kellha opportunita' li tghid, ma temminx li verament ir-relazzjoni bejniethom bdiet minn dik id-data, izda certament kienet bdiet ferm qabel.

Il-Qorti taqbel ukoll ma’ dak sottomess mill-attrici li l-konvenut kien ikkommetta vjolenza domestika fil-konfront tal-attrici u dan wassal sabiex b’digriet datat 21 ta’ Gunju, 2021, il-Qorti ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali u dan ukoll jimmerita l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.

Inoltre, id-data tad-digriet tal-Qorti ghandha tirrapprezenta d-data minn meta l-konvenut irrenda ruhu hati tat-tifrik taz-zwieg u ghaldaqstant jekk kien hemm pagamenti mensili ta’ €238.34 mensilment, il-kreditu tal-konvenut jammonta ghal €12,989.53.[32]

**Dekadenza**

Tentu kont tal-fatt li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ sevizzi, eccessi u anke ngurji gravi, u adulterju dina l-Qorti thoss li ghandhom japplikaw s-sanzjonjijiet taht l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Divorzju**

L-attrici ghamlet talba sabiex dawn il-proceduri jigu sostitwiti ghal dawk ta’ divorzju, liema talba giet awtorizzata minn dina l-Qorti.

Tenut kont tal-fatt li l-partijiet ilhom mhux flimkien ghal iktar minn erba’ snin u inoltre ma jirrizultax li hemm cans ta’ rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti rispettivament illum jinstabu f’relazzjoni stabbli u lanqas ma hemm kontestazzjonijiet fuq hlasijiet ta’ alimenti, dina t-talba ghad-divorzju ghandha tigi akkolta.

---

[32] Pagamenti bejn Mejju 2011 sa Gunju 2020 - €238.84 x 109  (xhur) = €25.979.06

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja l-hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bejn il-konjugi F minhabba sevizzi, eccessi, ingurji gravi u adulterju kommessi da parti tal-konvenut, filwaqt li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' ngurji gravi.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici fil-konfront tal-konvenut u tapplika fil-konfront tieghu l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 in toto jew in parte.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni skond kif gie deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tiddikjara li l-fond 303/2 Zsenti Flats Zabbar Road Fgura hija proprjeta' parafernali tal-attrici u l-istess fond m'ghandux jibqa' jitqies bhala l-fond matrimonjali.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' S,

**<u>Kontro-Talba</u>**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba attrici *in parte* u tippronunzja il-halla taz-zwieg bejn il-konjugi Formosa ai termini tal-Artikolu 66 F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba sevizzi, eccessi, ingurji gravi u adulterju kommessi da parti tal-konvenut, filwaqt li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' ngurji gravi.

2. Tichad it-tieni kontro-talba stante li l-adulterju ma jirrizultax.

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti skond kif deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

4. Tilqa' r-raba' kontro-talba u tiddikjara xolta kull komunjoni iehor ta' proprjeta' kif deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-akkwisti."

5. Tilqa' l-hames kontro-talba u tiddikjara u tillikwida benefikati u /jew flejjes imhallsa mill-konvenut skond kif deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-akkwisti."

L-ispejjez ghandhom jinqassmu in kwantu tlett kwarti ghall-konvenut u kwart ghall-attrici.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella**

**Cettina Gauci - Registratur**